# BEATI U QADDISIN...SETTEMBRU

## BEATU KLAWDJU GRANZOTTO ( 1900 - 1947)

## 7 TA' SETTEMBRU

Twieled gewwa Santa Lucia del Piave hdejn Venezja. Klawdju kien l-izghar fost 9 ahwa u kien imdorri jahdem ix-xoghol iebes ta' l-ghelieqi. Meta kellu disa' snin tilef lil missieru. Sitt snin wara kellu jidhol fl-armata taljana fejn serva ghal aktar minn tlett snin.

Kellu hiliet artistici specjalment fl-iskultura. Mar jistudja fl-



Akkadameja ta' l-Arti gewwa Venezja minn fejn fis-sena 1929 ha diploma bl-aktar marki gholja. Kienet tinteressah l-arti religjuza wkoll. Meta Klawdju dahal jifforma parti mill-Ahwa Minuri erba' snin wara l-kappillan tieghu kiteb hekk: " L-Ordni mhux biss qed tircievi artist izda qaddis ukoll."

Talb, imhabba lejn il-fqar u xoghol artistiku kienu l-karateristici tal-hajja tieghu li kellha tintemm f'qasir il-ghomor bil-marda ta' tumut f'mohhu.

Huwa miet fil-festa ta' Marija Assunta u kien beatifikat fis-sena 1994. Ix-xoghlijiet tieghu ghadhom jigbdu erwieh lejn Alla. Minn Frangisku ta' Assisi huwa tghallem li jeghleb kull problema b'mod kuraggjuz. Fl-omelija tieghu waqt il-beatifikazzjoni l-papa Gwann Pawlu II qal li Klawdio ghamel mill-iskultura tieghu strument privileggjat ghall-appostolat u l-evangelizzazzjoni.

Billi laqa' dak kollu li kien kontra l-qalb tieghu minghand Alla bir-rassenjazzjoni, Klawdio mexa' fit-triq tal-perfezzjoni li haditu ghand il-Hallieq biex minghandu jircievi l-premju tal-Genna.